MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1787/2005

**Maria Catania 618064(M)**

**Vs**

**Gasan Mamo Insurance Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta’ Ottubru 2005, fejn l-attrici tallbet ghall-hlas ta’ tlett mija u tlett Liri Maltin u hames centezmi (Lm303.05) ghar-ragunijiet indikati fl-istess Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta tad-9 ta’ Novembru 2005.

Ra x-xhiedha ta' l-attrici Maria Catania (1.02.05), ta' Margaret Catania (1.02.05), ta' Anthony Bonnici (1.02.05) u d-dokumenti kollha esebiti.

Ra id-dikjarazzjoni maghmula mill-Avukat Michael Zammit Maempel ghas-socjeta` konvenuta fis-seduta tal-1 ta' Frar 2006 fejn stqarr illi l-kwantum tad-danni ma kienux qed jigu kkontestati.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-partijiet li saret fis-seduta tal-1 ta' Frar 2006 u innota l-verbal ta' l-istess seduta fejn il-partijiet qabblu illi l-kawza tithalla ghad-decizjoni ghal-llum;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

It-Tribunal ikkunsidra :

Illi s-sewwieq tat-truck DAP - 642, Anthony Bonnici, ighid illi "jiena harist lejn il-lemin tieghi u lilha, cioe`, lill-attrici, jiena ma rajtiex" … "jiena lilha rajtha ma' l-incident" (1.02.06). L-istess sewwieq ighid ukoll illi "qabel ma jiena lqat il-karozza, il-vettura ma kontx rajtha".

It-Tribunal jinnota dak illi qalet Margaret Catania (1.02.06) "meta gejt biex nohrog mid-drive jiena nara trukk …. U xufier kien qed ihares il-fuq".

Illi Anthony Bonnici qal ukoll "lqatna lil xulxin", pero` it-Tribunal jinnota li sia mix-xhiedha u sia mid-dokumenti, partikolarment mir-ritratti esebiti, jirrizulta illi kien it-truck illi dahal gol vettura tant illi d-daqqa tal-vettura qeghda fil-genb taghha.

Illi l-istess xhud jikkonferma illi huwa kien "hiereg skuntrat l-isfel". It-Tribunal jinnota illi dan kien ipoggi fuq ix-xufier tat-truck aktar responsabbilita` ghal aktar attenzjoni fis-sewqan tieghu, inkluz illi hu u hiereg mis-sit in kwistjoni kellu jiehu *proper look out* fuq iz-zewg nahiet tat-triq illi kien hiereg fuqha u mhux jinsa` wahda minnhom, minn fejn in effetti irrizulta illi kien hemm il-vettura ta' l-attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u filwaqt illi jiddikjara illi l-incident sehh tort unikament tax-xufier tat-truck DAP – 642 minhabba traskuragni da parti tieghu fis-sewqan, jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta' tlett mija u tlett Liri Maltin u hames centezmi (Lm303.05), bl-ispejjes kollha ta' din l-istanza kontra l-istess socjeta` konvenuta u bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------